MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2011

Numru. 311/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J. Borg)**

**vs.**

**Adil Hassan Mohammed**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Adil Hassan Mohammed ta’ 27 sena, iben Hassan u Hadija xebba Abdurahman, imwieled is-Sudan, nhar it-18 ta’ Novembru 1983, residenti gewwa 27, Fl6, Triq Manuel Dimech, Sliema, u detentur tal-karta ta’ l-identita 56932(A).

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, fit-28 ta’ Awissu 2011 u fil-jiem ta’ qabel:

a) kellu fil-pussess tieghu il-pjanta cannabis, kollha jew bicca minnha, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

b) attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, u cioe kontra PS430 Andrew St. John u PC 1572 Eman Cilia, waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi, u dan ai terminu tal-Artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) ikkommettejt dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club jew xi post simili fejn normalmnet jiltaqghu iz-zghazagh, bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta' l-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Wara li rat illi fis-seduta tas-7 t'Ottubru 2011, wara li l-prosekuzzjoni iddikjarat li qed taghlaq il-provi taghha, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kif dedotti, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Wara li rat il-verbal li sar fl-istess seduta, fejn id-difiza u l-prosekuzzjoni rrakkomandaw lill-Qorti tikkundanna lill-imputat sena prigunerija flimkien ma' multa idonea.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta’ l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-mod aggressiv li bih l-imputat irresista l-arrest, tant li l-ufficjali tal-pulizija kellhom jaghmlu uzu mill-pepper spray darbtejn, in-nuqqas tieghu li jikkopera mal-pulizija, li l-ammont ta’ haxixa li instabet fuq l-imputat kien ta’ 5.06 grammi ta’ purita ta’ cirka 4.2% u skont l-espert l-ispizjar Mario Mifsud, minn dan l-ammont tista’ taghmel minn 15 sa 20 joint[1], u li l-imputat ikkommetta ir-reati go Paceville, wiehed mill-ikbar postijiet fejn jiltaqghu iz-zghazagh. Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni li ghalkemm l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, huwa ghamel dan biss wara li l-prosekuzzjoni iddikjarat f’dawn il-proceduri li qed taghlaq il-provi, u fil-fatt kienet ippruvat il-kaz taghha il’hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, u ghalhekk l-imputat xorta hela l-hin tal-Qorti, u m’ghandu jibbenefika minn ebda riduzzjoni fil-piena.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 8(d), l-Artikoli 22(1)(a); 22 (2) (b) (ii) u it-tieni proviso ta’ l-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939, u l-Artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal piena ta’ tliet snin u nofs prigunerija effettiva – li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li hawn instab hati taghhom - u multa ta’ elfejn Euro (€2,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ hamsa u sebghin Euro (€75.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b’din is-sentenza erogata, u ghall-dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika ma’ l-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk l-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc

[1] Ara xhieda ta’ l-Ispizjar Mario Mifsud a fol. 26 tal-process

jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

In oltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta’ €868.78, li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b’dan li jekk l-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-registratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------